**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru : 238/2020 RM**

**Brian Camilleri (K.I. 350076M)**

**-Vs-**

**Gerald Zammit (K.I. 380069M)**

**Illum, 26 ta' Ottubru 2022.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Brian Camilleri fit-3 ta' Diċembru 2020 fejn talab lil din il-Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, tikkundanna lil-konvenut Gerald Zammit iħallsu s-somma ta' ħamest elef u sitt mitt Euro (€5,600) oltre l-imgħax legali mil-1 ta' Marzu 2019 jew kwalsiasi somma oħra verjuri illi l-Qorti jogħġobha tillikwida rappreżentanti t-telf ta' profitt fuq xogħol li l-attur kellu jagħmel lil-intimat skont kuntratt ta' appalt tal-4 ta' Ottubru 2018, li kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dokument A' rigwardanti twaqqigh u tħammil fil-fond 'Infinity' u l-binja adjaċenti f' Rue D' Argens, Gżira u dan stante illi minkejja

li x-xogħol kellu jinbeda fl-1 ta’ Frar 2019, huwa arbitrarjament qabbadt terzi persuni biex jagħmlu l-istess xogħol, b’ dannu inġenti u telf ta’ profitt għal-attur.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-20 ta’ Novembru 2020, anness u mmarkat Dokument B u tal-Mandat ta’ Sekwestru u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-konvenut Gerald Zammit ipprezentata fit-2 ta’ Frar, 2021 fejn ġie eċċepit:

1. *Illi in primis, it-talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi xejn ma huwa dovut lill-attur Brian Camilleri stante li kien huwa stess li ma onorax il-ftehim ta' bejn il-partijiet u kien huwa stess li talab lill-konvenut u lil ħuħ sabiex isibu lil ħadd ieħor biex jgħamel ix-xogħol għaliex huwa kien mimli xogħol u kien ikun aħjar għalih jekk din il-biċċa xogħol ma jagħmilhiex.*

2. *Illi, sekondarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, se mai, huwa l-attur Brian Camilleri li għandu jħallas lill-konvenut id-danni li l-konvenut sofra minħabba n-non ottemperanza tal-attur, li sarfet f’dewmien u falling behind schedule' tal-proġett b'riżultat ta' spejjeż addizzjonali u telf ta' introjtu għall-konvenut u dana peress li kellu jifittex lill ħaddieħor sabiex iwettaq dak ix-xogħol li ma għamilx Brian Camilleri.*

3. *Illi, f'kull każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost ukol, l-attur għandu jispjega kif wasal għas-somma rikjesta u indikata fir-rikors tiegħu u taħt liema artikolu tal-Liġi qiegħed jipproponi l-azzjoni odjerna tiegħu.*

4. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kollha ta’ dawn il-proċeduri u ta’ kwalunkwe att ġudizzjarju u proċeduri in konnessjoni ma din il-kawża jkunu a karigu tal-attur Brian Camilleri.*

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli difensur tal-attur fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2022;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut ippreżentata fit-30 ta' Awwissu 2022;

Rat illi l-kawza thalliet għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Mhux kontestat illi bejn il-partijiet ġie konkluż ftehim ta' appalt permezz ta' skrittura privata datata 6 ta' Ottubru 2018 fejn l-attur ġie inkarigat biex jagħmel « *xogħol ta' twaqqigħ u ta' tħammil u ta' eskavazzjoni* » fis-sit bl-isem 'Infinity' ġewwa 321/323, Rue D'Argens, Gzira għall-prezz ta' €14,000. Il-partijiet ftiehmu li l-appaltatur kellu jibda x-xogħol fl-1 ta' Frar 2019 u jlestih fi żmien tliet ġimgħat jew qabel. Ftiehmu wkoll espressament li « *f'każ li x-xogħol ma jiġix onorat minn naħa ta' Mr. Camilleri kif miftiehem hawn fuq, is-sid Mr Zammit jirriżerva d-dritt li jqabbad lill-ħaddieħor biex jitkompla x-xogħol u tiġi imposta multa lil €100 kuljum sakemm jitlesta x-xogħol.* »

L-attur qed jitlob il-ħlas tad-danni sofferti minnu minħabba n-nuqqas tal-konvenut li jonora l-ftehim tal-appalt, danni konsistenti fit-telf tal-qligħ minn dan l-appalt.

Il-verzjoni tal-attur, kif toħroġ mill-Affidavit maħluf tiegħu, hi illi meta mar fuq is-sit fl-1 ta' Frar 2019 biex jibda x-xogħol, il-konvenut qallu li sab kuntrattur li seta' jaħdmilu bi prezz irħas u ma riedx jonora l-ftehim tal-appalt.

In segwitu l-attur, quddiem il-Qorti[1], xehed illi l-konvenut kien diġa' ittermina l-appalt ftit ġimgħat qabel l-1 ta' Frar 2019 u dan meta l-istess konvenut kien ikkuntattjah u qallu li kien sab prezzijiet orħos għall-istess xogħol. Xehed ukoll illi huwa kien okkupat fuq lant ieħor tax-xogħol fl-1 ta' Frar 2019 u żied jgħid ukoll illi wara tliet ġimgħat jew xahar, kien ra inġenji quddiem is-sit tal-konvenut u wasal għall-konklużjoni li l-konvenut kien qabbad lil kuntratturi oħrajn biex jagħmlu x-xogħol ta' demolizzjoni. Ikkonferma li huwa qatt ma pprova jċempel huwa stess lill-konvenut.

Da parti tiegħu, il-konvenut jiċħad illi huwa ttermina l-appalt, la qabel u lanqas fl-1 ta' Frar 2019 u ċaħad ukoll illi fl-1 ta' Frar 2019 kien qabbad lil terzi jeżegwixxu x-xogħol li kien appaltat lill-attur u jew li kien hemm kuntrattur oħrajn jaħdmu fis-sit. Ikkonferma li fl-1 ta' Frar 2019, mar fuq is-sit flimkien ma' ħuh Mario Zammit Barry fis-7.00 a.m. biex jistennew lill-attur jasal bil-makkinarju u jibda x-xogħol ta' twaqqigħ, iżda l-attur baqa' ma deherx minkejja li damu sas-2.00 p.m. jistennewh. In segwitu, wara diversi tentattivi biex jagħmel kuntatt mal-attur, irnexxielu jaqbdu għall-ħabta ta' April 2019 u ltaqgħu fuq il-post fil-presenza tal-istess ħuh fejn huwa talab lill-attur jagħtih data meta seta' jagħmel ix-xogħol ta' twaqqigħ. Il-konvenut, korroborat minn ħuh, xehed illi waqt din il-laqgħa, l-attur ma riedx jikkommetti ruħu fuq data biex jibda x-xogħol ta' demolizzjoni, tant illi meta qallu li ser ikollu jqabbad lil ħaddieħor biex jeżegwixxi l-appalt, l-attur wieġeb li kieku jagħmillu pjaċir għaliex kien jinsab impenjat wisq bix-xogħol. Il-konvenut ikkonferma illi wara din il-laqgħa huwa ma reġax ikkomunika mal-attur u rnexxielu jidentifika persuna oħra biex jagħmel ix-xogħol li kien appaltat lill-attur, biss għall-ħabta ta' Novembru tas-sena 2019. Dan ix-xogħol ġie eżegwit mill-kuntrattur il-ġdid bejn Frar u Marzu 2020[2].

Ikkunsidrat ;

---

[1] Xhieda in kontro-eżami, 12 ta' Lulju 2021 u 23 ta' Mejju 2022.

[2] Vide *commencement notice/site management responsibility form* (Dok. GZ2, fol. 64) u riċevuti ta' ħlas lit-terz kuntrattur, Dok. R1 u R2

Illi l-partijiet jagħtu verżjonijiet kontradittorji dwar ir-raġuni l-għala l-appalt ma ġiex eżegwit: l-attur isostni li l-kommittent ittermina l-appalt għaliex sab kuntrattur li seta' jwettaq l-istess xogħol bi prezz inqas, filwaqt li l-konvenut jiċħad din il-verżjoni u jikkontendi illi kien l-attur li ma onorax l-obbligi tiegħu taħt il-ftehim tal-appalt għaliex naqas milli jibda x-xogħolijiet fid-data miftiehma, baqa' ma deherx fuq is-sit u baqa' qatt ma għamel ix-xogħol appaltat. Isostni illi huwa ma kellux għażla ħlief li jfittex kuntrattur ieħor wara illi l-attur, għalkemm għaddew diversi xhur, baqa' ma kkommettiex ruħu għal data meta seta' jibda dan ix-xogħol.

Id-determinazzjoni ta' liema verżjoni għandha mis-sewwa hija fondamentali għaliex għar-riżoluzzjoni tal-vertenza, jeħtieġ li jiġi stabbilit meta dan l-appalt ġie tterminat, minn min u r-raġuni għall-ħall.

In materja ta' kunflitt fil-verżjonijiet, il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta' Marzu 2004 fil-kawżż fl-ismijiet **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et**:-

*"Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

*1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u*
*2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "**Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma**", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2001.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u*

*tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (**Kollez. Vol L pII p440**).''*

Inghad ukoll hekk in propositu fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **George Bugeja vs Joseph Meilak**[3]**:-**

*"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoi. Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza "Farrugia vs Farrugia", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-fattispeċje tal-każ u x-xhieda u l-provi li ressqu l-partijiet rispettivament, hija l-fehma tal-Qorti li l-attur ma rnexxilux jissodisfa l-oneru tal-prova mixħuta fuqu billi jikkonvinċi lill-Qorti illi fuq bilanċ ta' probabbilitajiet, il-konvenut kien ittermina l-appalt fl-1 ta' Frar 2019 jew f'xi data qabel. Wara li qieset il-provi kollha u x-xhieda tal-partijiet u ta' Mario Zammit Barry, il-Qorti tqis li għalkemm huwa minnu li l-konvenut kommittent tabilħaqq inħall mill-appalt, dan seħħ diversi xhur wara li l-appalt kellu jkun diġa' eżegwit u tqis ukoll illi r-raġuni għall-ħall kienet waħda ġustifikata.

Din il-konklużjoni l-Qorti waslet għaliha wara li għamlet is-segwenti osservazzjonijiet u kostatazzjonijiet ta' fatt.

---

[3] Sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, 30 ta' Ottubru 2003.

Tibda biex tosserva illi filwaqt li fl-Affidavit tiegħu l-attur xehed li meta mar biex jibda x-xogħol fl-1 ta' Frar 2019 "*Gerald Zammit qallu li "... ma riedx jonora l-ftehim li kelli miegħu għax qalli li sab nies biex jaħdmulu b'inqas minni*"[4], meta xehed in kontro-eżami, stqarr minflok illi ma kienx mar fuq is-sit biex jibda x-xogħol fl-1 ta' Frar 2019 għaliex il-konvenut kien diġa' qallu xi tliet ġimgħat qabel li kien sab kuntrattur ieħor bi prezz irħas. Imbagħad, l-attur fisser illi huwa wasal għall-konklużjoni li l-konvenut daħħal terzi minfloku biex jeżegwixxu l-appalt "*xi tliet ġimgħat wara*" l-1 ta' Frar 2019 meta għadda quddiem is-sit u ra inġenji ta' kuntrattur ieħor barra, **u mhux għaliex il-konvenut kien qallu - qabel kellu jibda x-xogħol - li kien effettivament diġa' qabbad lil terzi biex jaħdmu minfloku**.

L-attur xehed hekk:-

"*Bejn tliet ġimgħat u xahar wara, rajt dumper issa ma nafx x'kien qed jagħmel.*"[5]

In segwitu, l-attur ukoll: "*Ifhimni eżatt jiena mhux it-triq tiegħi imma kienu naħseb tliet xhur wara mbagħad bdejt nara t-truck tal-bennej...*"

Għall-Qorti, ix-xhieda tal-attur fir-rigward hija konfliġġenti u fl-aħjar ipotesi għalih, konfużjonarja: filwaqt li fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami[6] l-attur ma semma mkien li l-konvenut kien għarrfu **qabel** id-data tal-bidu tal-appalt li kien ser iqabbad lil terzi bi prezz irħas, meta xehed in ri-eżami l-attur ħareġ bit-teżi li kien iltaqa' mal-konvenut tliet ġimgħat qabel l-1 ta' Frar 2019 u kien hemmhekk li qallu li kien sab kuntrattur ieħor li kien lest jaħdimlu bi prezz irħas u minħabba f'hekk ma kienx mar jibda x-xogħol fis-sit fl-1 ta' Frar 2019. Din il-verżjoni, li ħarġet biss meta l-attur reġa' xehed in ri-eżami[7] u mhux meta xehed minn jeddu, tikkozza mhux ftit mal-verżjoni tal-attur fl-Affidavit tiegħu illi "***Meta ġejt biex nibda x-xogħol fl-1 ta' Frar 2019*** *Gerald Zammit qalli li ma riedx jonora l-ftehim li kelli miegħu għax qalli li sab nies bies*

[4] Dok. BC1, fol. 17.
[5] Rol. 31: xhieda in kontro-eżami tal-attur, 12 ta' Lulju 2021.
[6] Xhieda tat-12 ta' Lulju 2021.
[7] Xhieda tal-attur, 12 ta' Lulju 2021, fol. 42.

*jaħdmulu b'inqas minni*."[8] Tikkozza wkoll max-xhieda tal-attur li fl-1 ta' Frar 2019 huwa kien qed jaħdem fuq lant ieħor tax-xogħol u li l-attur baqa' ma ċempillux biex jibda x-xogħol[9].

Il-provi juru wkoll illi l-konvenut, għad illi huwa minnu li ttermina l-appalt, għamel dan biss **wara** illi l-attur naqas milli jersaq lejn is-sit u jonora l-obbligi pattwiti fil-ftehim tal-appalt mingħajr ebda raġuni valida. Kemm hu hekk, l-attur ikkonferma li fl-1 ta' Frar 2019 huwa kien okkupat b'xogħol fuq lant ieħor u stqarr illi huwa ppretenda li l-attur kellu jagħmel kuntatt miegħu huwa stess biex jara meta jkun komdu jibda bix-xogħol qabel iqabbad kuntrattur ieħor. Hu xehed hekk: "*Lili fil-fatt qatt ma ċempilli biex immur nibda x-xogħol*"[10].

Il-Qorti tosserva illi meta ġie mistoqsi in kontro-eżami għaliex ma kienx għamel kuntatt mal-konvenut meta ra li ma kienx ċempillu biex jibda x-xogħol, l-attur stqarr li huwa ma kienx għamel dan "*għax kont naf li x-xogħol beda. Jien x'ħin rajt ... ix-xogħol beda ma' ħaddieħor għedt mela x'inkellmu nagħmel imbagħad. Imbagħad kellimt lil Avukat*."[11]

Iżda kuntrarjament għall-asserzjonijiet tal-attur fir-rigward, il-provi juru li x-xogħol ta' demolizzjoni, oġġett tal-appalt mogħti lill-attur, ġie eżegwit minn terzi xejn inqas minn sena wara, bejn Frar u Marzu 2020. In vista ta' dan u wara li semgħet ix-xhieda tal-attur il-Qorti m'hijiex konvinta li l-inġenji li l-attur xehed li ra fis-sit, rahom xahar wara u m'hijiex konvinta lanqas li dawn l-inġenji kienu fl-istess sit mertu tal-appalt u mhux quddiem sit ieħor ftit bibien 'l isfel fl-istess triq[12]. Jirriżulta wkoll mix-xhieda tal-attur innifsu li huwa mar għand avukat biex jieħu azzjoni legali dwar il-ħall ta' dan l-appalt, f'Novembru 2020[13].

---

[8] Emfasi tal-Qorti.
[9] Ara xhieda tal-attur in ri-eżami, 12 ta' Lulju 2021 u kontro-eżami 23 ta' Mejju 2022.
[10] Fol. 31.
[11] Fol. 38 u 39.
[12] Ara xhieda tal-konvenut u ta' Mario Zammit Barry.
[13] In kontro-eżami, l-attur ikkonferma li huwa mar għand avukat biex jieħu parir dwar dan l-appalt, iktar minn sena wara. Xhieda tat-23 ta' Mejju 2022.

Dan kollu magħdud ifisser illi l-attur mhux biss stenna sena u tmien xhur jgħaddu qabel fittex jieħu azzjoni dwar l-allegat ksur tal-ftehim iżda ħalla wkoll l-appalt jiġi eżegwit minn terzi u naqas b'mod assolut milli jieħu ħsieb l-interessi tiegħu f'dan l-appalt b'xi qies ta' galbu. Fil-fehma tal-Qorti, kieku l-attur kien tassew ġenwinament interessat f'dan l-appalt u fil-profitt li kien ser idaħħal bl-eżekuzzjoni tiegħu, u kieku l-appalt kien verament ġie terminat mill-konvenut unilateralment mingħajr raġuni valida matul, wieħed jistenna li l-attur jieħu, tempestivament, xi xorta ta' azzjoni biex jissalvagwardja l-pożizzjoni legali tiegħu kif appena sar jaf li tqabbdu kuntratturi oħrajn biex iwettqu l-appalt minfloku, u dan billi jinterpella lid-debitur tal-obbligazzjoni u mhux jibqa' kompletament passiv mingħajr ebda raġuni valida u jħalli r-rapport kuntrattwali jiskadi biex imbagħad iktar minn sena u nofs wara, jallega li ġarrab id-danni b'riżultat tal-ksur kuntrattwali għaliex għamel xahar bla xogħol. *Multo magis* meta l-attur fix-xhieda tiegħu in ri-eżami, insista illi huwa żamm ix-xahar ta' Frar 2019 liberu biex jaħdem l-appalt mogħti lilu mill-konvenut u għamel dak ix-xahar wieqaf mix-xogħol[14].

Ikkunsidrat;

F'dan l-isfond ta' kontradizzjonijiet manifesti fix-xhieda tal-attur, il-Qorti tqis illi l-verżjoni tiegħu li l-konvenut kien ħall l-appalt **qabel** iż-żmien pattwit għall-eżekuzzjoni tiegħu, m'hijiex attendibbli u m'hi xejn konvinta li l-konvenut kien effettivament ittermina l-appalt qabel id-data miftiehma għaliex kien sab prezzijiet orħos jew għal xi raġuni oħra. Anke jekk għal mument il-Qorti kellha taċċetta l-ipotesi li l-konvenut seta' għarraf lill-attur preventivament li sab prezzijiet orħos, dan ma jfissirx – u f'kull każ ma ġiex ippruvat sodifaċjentement - li huwa kien inħall mill-appalt u ikkomunika din id-deċiżjoni lill-attur.

Huwa minnu illi l-verżjoni tal-konvenut li huwa kien ipprova jċempel lill-attur diversi drabi - anke min-numru tat-telefon differenti - biex jara meta kien ser jibda x-xogħol, m'hijiex daqshekk konvinċenti. Wara li semgħet ix-xhieda u fliet l-atti, temmen illi

[14] Xhieda tal-attur 12 ta' Lulju 2021, fol. 58.

probabbilment, il-konvenut għal xi raġuni jew oħra, ma tantx kellu interess li jiġri wara l-attur biex jibda x-xogħol. Madanakollu, stabbilit dan, m'hemm xejn fl-atti u fil-provi juri jew jikkonvinċi lill-Qorti illi l-konvenut kien ittermina l-appalt qabel id-data stabbilita għall-bidu tax-xogħolijiet jew matul il-perijodu pattwit għall-eżekuzzjoni tal-appalt, li kien b'xi mod kien waqqaf lill-attur milli jibda x-xogħol u li kien qabbad lil terzi jeżegwixxu l-appalt matul il-perijodu stabbilit fil-ftehim konkluż mal-attur għat-twettiq tal-appalt.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi kieku l-verżjoni tal-attur hija verosimili u l-appalt kien itterminat arbitrarjament **qabel** iż-żmien pattwit minħabba r-raġuni li semma fix-xhieda tiegħu, ix-xogħol ta' demolizzjoni tas-sit kien jitwettaq ferm qabel iż-żmien meta ġie ppruvat illi effettivament saret id-demolizzjoni, ċioe' sena wara. Min-naħa l-oħra il-konvenut ikkorroborat minn ħuh, eskluda li huwa kien qabbad lil terzi jeżegwixxu l-appalt minflok l-attur u eskluda wkoll li fl-1 ta' Frar 2019 u fix-xhur ta' wara, dan is-sit ġie mwaqqa' u mibnija mill-ġdid minn kuntratturi oħrajn.

Il-konvenut ikkonferma ripetutament fix-xhieda tiegħu illi sa April 2019 meta finalment irnexxielu, wara diversi tentattivi biex jagħmel kuntatt telefoniku, jikkuntattja lill-attur bit-telefon ta' ħaddieħor u ltaqgħu fuq il-post flimkien ma' ħuh Mario Zammit Barry, huwa ma kienx għadu qabbad lil terzi biex jeżegwixxu l-appalt u fil-fatt il-binja kienet għadha mhux imwaqqgħa. Il-konvenut ikkonferma illi huwa qabbad *demolisher* ieħor għall-ħabta ta' Ottubru jew Novembru 2019 u x-xogħol ta' demolizzjoni fis-sit in diżamina beda fil-21 ta' Frar 2020 u tlesta fl-10 ta' Marzu 2020[15]. Il-Qorti ssib li din il-verżjoni tal-konvenut fir-rigward, hija iktar verosimili u sejra tagħtiha piż, anke għaliex kieku tassew l-appalt kien itterminat f'Jannar 2019 qabel kellu jibda, ma kienx ikun hemm għalfejn f'April 2019 il-konvenut iċempel lill-attur biex jiltaqgħu ħalli jiddiskutu l-istess appalt.

Matul is-smigħ tal-kawża u fit-trattazzjoni, sar ħafna emfasi fuq fatt li l-konvenut, għalkemm sostna li l-attur baqa' ma tfaċċax fuq is-sit biex jibda x-xogħol, ma kienx

---

[15] Vide *Commencement Notice/Site Management Responsibility Form* (Dok. GZ2).

konvinċenti meta xehed illi huwa pprova ripetutament iċempel lill-attur anke minn *mobile phones* ta' persuni oħrajn. Iżda għall-Qorti il-kwistjoni jekk il-konvenut ipprovax iċempel jew jagħmel kuntatt mal-attur biex jara meta ser jibda x-xogħol, m'huwiex daqstant relevanti: il-kommittent ma kien taħt l-ebda obbligu li jiġri wara l-kuntrattur biex jibda x-xogħol meta din id-data kienet espressament stabbilita fl-iskrittura tal-appalt u din ma ġietx espressament imħassra u meta l-partijiet ftiehmu wkoll speċifikatament fl-istess skrittura illi kemm il-darba l-appaltatur jonqos milli jonora t-termini pattwiti għall-eżekuzzjoni tal-appalt, il-kommittent kien liberu li jinħall mill-appalt f'kull żmien.

Il-Qorti temmen il-verżjoni tal-konvenut u ta' ħuh li l-appalt ġie terminat f'April 2019 meta l-partijiet iltaqgħu fuq is-sit - laqgħa li l-attur ma ċaħadx b'mod konvinċenti li tassew seħħet - bl-iskop li tinstab data għall-bidu u għat-tlestija tax-xogħol ta' demolizzjoni li kellu jinbeda fl-1 ta' Frar 2019. Skont il-konvenut, waqt din il-laqgħa hu kien qed jagħfas lill-attur biex jagħtih data biex jibda jeżegwixxi l-appalt għaliex inkella jkollu jfittex lil ħaddieħor biex jagħmel ix-xogħol ta' demolizzjoni u hawnhekk l-attur qallu "*tagħmilli grandissmu pjaċir jiena msallab bix-xogħol.*"[16] L-attur, rinfaċċjat bix-xhieda tal-konvenut baqa' ma ċaħadx bis-serjeta' illi huwa ddikjara li ma setax jikkommetti iktar għall-eżekuzzjoni tal-appalt. Għall-Qorti, dawn iċ-ċirkostanzi jikkostitwixxu flimkien prova tal-ħall tal-kuntratt tal-appalt, kuntratt li l-effikaċja tiegħu kienet, f'kull każ, diġa' skadiet meta l-attur baqa' ma onorax l-obbligi tiegħu skont il-ftehim. Huwa wkoll evidenti illi f'dawn iċ-ċirkostanzi, l-appaltatur mhux biss inħall mill-appalt iżda ma kellu ebda alternattiva oħra ħlief li jħoll il-kuntratt tal-appalt, appalt li del resto baqa' ma ġiex eżegwit skont it-termini pattwiti fil-ftehim bil-miktub. Il-Qorti tqis ukoll din id-deċiżjoni ġiet effettivament komunikata lill-attur għall-fini tal-Artikolu 1640(5) tal-Kodiċi Ċivili hekk kif il-konvenut għarraf lill-attur li kien ser ikollu jqabbad lil terzi biex jeżegwixxu x-xogħolijiet u l-attur effettivament awtorizzah jagħmel dan.

---

[16] Fol. 54.

Stabbilit illi l-appalt ma kienx itterminat fil-perijodu stabbilit għall-eżekuzzjoni tal-tal-appalt, iżda biss f'April 2019, ma kien hemm xejn x'iżomm lill-attur jibda x-xogħol fid-data pattwita fil-ftehim, *multo magis* meta l-istess attur ma kienx konvinċenti fix-xhieda tiegħu illi l-konvenut kien effettivament għarrfu li kien qabbad lil terzi jaħdmu l-appalt u kien hu li wasal għal din il-konklużjoni meta wara xi xahar, ra l-inġenji ta' kuntrattur ieħor barra s-sit. Ma kien ikun hemm l-ebda raġuni lanqas biex il-partijiet jiltaqgħu f'April 2019 u l-Qorti hija konvinta illi kien proprju hawnhekk, matul din il-laqgħa li l-appalt ġie terminat mill-konvenut u dan minħabba li l-attur ma setax jikkommetti ruħu biex jibda x-xogħol f'data stabbilita minħabba li kien impenjat ħafna b'xogħol ieħor.

Ikkunsidrat;

Illi dan kollu jrid jitqiegħed fil-kuntest tal-prinċipji li jirregolaw l-istitut legali tal-appalt jew *locatio operis*, senjatament it-terminazzjoni tal-kuntratt tal-appalt.

Huwa prinċipju assodat illi l-l-partijiet f'kuntratt tal-appalt jistgħu jinħallu mill-obbligi kuntrattwali tagħhom unilateralment mingħajr ebda obbligu li jagħtu raġunijiet wisq inqas raġunijiet validi għal dan: l-effetti tat-teminazzjoni tal-kuntratt ta' appalt jinsabu regolati mill-Artikolu 1640 tal-Kodiċi Civili li jipprovdi illi min jagħti x-xogħol jista' jħoll, meta jrid, il-kuntratt, għalkemm ix-xogħol ikun diga` beda.

Il-Qorti tibda billi tosserva illi din id-dispożizzjoni legali hija deroga għall-prinċipju fondamentali tal-liġi tal-kuntratti illi f'kuntratt bilaterali jew sinallagmatiku, l-ebda waħda mill-partijiet ma tista' unilateralment tiddeċiedi li tħoll rabta kuntrattwali magħmula ma' parti ohra. Fil-kuntratt partikolari tal-appalt, il-liġi trid li min jagħti x-xogħol, cioe` **l-appaltant, jista' jagħżel li jħoll il-kuntratt meta jrid, tant illi l-liġi tippermetti espressament li l-ħall jista' isir anke jekk ix-xogħol ikun inbeda diga`**. B'żieda ma' dan, il-ligi tipprovdi wkoll illi l-appalt jinħall immedjatament malli min ikun ta x-xoghol jinforma lill-appaltatur, b'kull mezz li jkun, bid-deċiżjoni tiegħu li jħoll il-kuntratt, u dan bla ħtieġa ta' ebda awtorita` jew konferma mill-qorti. Din l-

għażla jkollha effett minnufih malli jingħata avviż lill-appaltatur, ikun kif ikun anke verbalment.

In propositu intqal hekk:-

"*Illi l-qofol ta' tali jedd huwa l-aspett unilaterali tiegħu u jidher li tali jedd huwa mibni fuq dak li jiddisponi l-artikolu 1671 tal-Kodiċi Ċivili taljan. Kif ġie mfisser f'dan il-kuntest, "tale diritto puo` essere fatto valere senza darne giustificazione alcuna e senza necessità di accettazione dell'altro contraente, trattandosi di recesso ad nutum, che si perfeziona con la notizia datane all'appaltatore e al prestatore d'opera, e che puo` essere esercitato in qualsiasi momento successivo alla conclusione del contratto, e, quindi, sia quando le opere non abbiano avuto ancora inizio, sia nel corso della loro esecuzione, sia in epoca prossima al loro compimento.*"[17]

Illi madankollu, f'kaz bħal dan, hija relevanti ferm **ir-raġuni** għaliex il-kommittent jagħmel għażla bhal din, u dan għaliex jekk ikollu raġuni tajba biex itemm l-appalt, ikun obbligat biss li jħallas lill-appaltatur somma rappreżentanti l-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol wara li jittieħed qies tal-utilita` tagħhom, kif ukoll id-danni li jkun soffra l-istess kommittent. Iżda jekk, d'altronde, il-kommittent ma jkollux raguni tajba ghat-terminazzjoni tal-appalt, huwa jkun irid iħallas lill-appaltatur somma li ma teċċedix l-ispejjeż kollha li jkun nefaq u l-valur tax-xogħol mogħti, flimkien ma' somma ohra kif maħsub fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 1640 tal-Kodiċi Civili:-

*"Jekk ma jkunx hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-qorti, skont iċ-ċirkostanzi, iżda mhux iżjed mill-qliegħ li l-appaltatur seta' jagħmel b'dak l-appalt."*

---

[17] Artikolu 1640(5) tal-Kap. 16. 39 Cassazione 14.6.1972 no. 1870, citata f'**Cutajar Construction Limited vs Gregoire**, Appell Civili, deciza 29 ta' Marzu 2019.

Applikat dan għall-fattispeċje tal-każ li għandha quddiemha l-Qorti, u kuntrarjament għal dak li ġie sottomess mill-abbli avukat tal-attur, il-konvenut appaltant seta' jinħall mill-kuntratt tal-appalt unilateralment anke mingħajr raġuni valida: l-eżistenza o meno ta' raġuni valida għat-terminazzjoni hija relevanti biss għall-fini tal-ispejjeż li l-kommittent ikun obbligat iħallas lill-kuntrattur.

Stabbilit li t-teżi tal-attur li l-appalt kien itterminat mill-kommittent qabel l-1 ta' Frar 2019, m'hijiex sorretta mill-provi, jikkonsegwi fiċ-ċirkostanzi li l-konvenut kien liberu li jqabbad persuni oħrajn biex jeżegwixxu l-appalt f'kull żmien wara li kien ovvju li l-attur ma kienx interessat fl-appalt, mingħajr ebda obbligu li jiġri warajh isejjaħlu biex jeżegwixxi dak li kien diġa' miftiehem. Kuntrarjament ukoll għal dak li ġie sottomess mill-abbli avukat tal-attur, il-Qorti tqis l-konvenut mhux biss ma kien taħt l-ebda obbligu li jiġri wara l-kuntrattur, iżda lanqas kien obbligat jistenna sakemm it-terminu stabbilit għat-twettiq tal-appalt jiskadi, qabel iqabbbad lil terzi biex jibdew jew ikomplu x-xogħol u l-Qorti ma tistax tiċċensurah jekk effettivament għamel dan. Fl-aħħar mill-aħħar kien l-obbligu tal-attur li jibda x-xogħol fid-data maqbula fil-ftehim bil-mitkub u jlesti l-appalt entro ż-żmien miftiehem u n-nuqqas tiegħu li jeżegwixxi dan l-obbligu **mingħajr prova konkreta li l-appalt kien diġa' terminat mill-kommittent u komunikat lilu qabel jew matul iż-żmien pattwit għall-eżekuzzzjoni tal-appalt**, ifisser biss illi kull terminazzjoni sussegwenti tal-appalt mill-kommittent, saret għal raġuni li l-Qorti tqis li hija valida u ġustifikata fiċ-ċirkostanzi.

Wara kollox, fil-ftehim tal-appalt il-kommittent irriżerva espressament id-dritt li, f'każ li x-xogħol ma jiġix onorat mill-kuntrattur, iqabbad lil terzi. *Pacta sunt servanda*. Dan id-dritt ma ġiex soġġett għal ebda kundizzjoni u fis-simpliċita' tiegħu dan il-patt konvenzjonali jfisser li l-kommittent ma kien taħt l-ebda obbligu li jgħarraf lill-attur preventivament bil-ħsieb li jingaġġa lil terzi biex jibdew jew ikomplu l-appalt. L-iskrittura tal-appalt hija ċara wkoll li hija prerogattiva tal-kommittent, f'każ li l-appaltatur ma jonorax l-obbligi tiegħu, iqabbadx kuntrattur ieħor jew inkella jesiġi l-

ħlas tal-penali ġornaliera u għalhekk, il-fatt li l-konvenut għażel li jqabbad kuntrattur ieħor u ma jitlobx il-ħlas tal-penali, ma huwa ta' ebda konsegwenza

Ikkuinsidrat;

Fir-Rikors promotur l-attur jitlob il-ħlas tat-telf ta' profitt li huwa kkalkula li kien ser idaħħal mill-appalt, appalt li l-istess attur baqa' ma wettqux minkejja t-termini pattwiti fil-kuntratt u minkejja li l-appaltant kien dispost li jagħtih opportunita' oħra biex jagħmel dan. Stabbilit illi f'dan il-każ, il-kommittent inħall mill-appalt għal raġuni valida, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 1640(1) tal-Kodiċi Ċivili huwa obbligat iħallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx iżjed mill-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol, wara li jittieħed qies tal-utilità ta' dawk l-ispejjeż u dak ix-xogħol lil min ikun ta x-xogħol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra.

Mhux kontestat illi l-attur ma wettaq ebda parti mill-appalt u ma ressaq l-ebda prova li nefaq xi spejjeż ta' inġenji, ħaddiema u oħrajn in konnessjoni ma' dan l-appalt u konsegwentement, il-konvenut mhu obbligat iħallas xejn lill-attur. Id-dritt għall-ħlas ta' ammonti addizzjonali li jiġu likwidati mill-Qorti jispetta lill-appaltatur biss f'każ li l-kommittent ikun inħall mill-kuntratt mingħajr raġuni valida, iżda kif rajna, l-attur naqas milli jressaq prova konklussiva u konvinċenti dwar dan.

**Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeċiedi illi filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet fir-Risposta tal-konvenut biss safejn huma kompatibbli ma' dak hawn deċiż, tiċħad it-talba tal-attur bl-ispejjez jitħallsu mill-istess attur.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**